KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-12 ta' April 2016 [1]

Kawża C-601/14

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Taljana

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/80/KE — Kumpens lill-vittmi tal-kriminalità — Artikolu 12 — Assenza ta' skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi ta' kull tip ta' delitt intenzjonali vjolenti mwettaq fit-territorju Taljan — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja"

1. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika Taljana, billi ma tipprevedix skema ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tagħha, naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' ku[m]pens għal vittmi ta' delitti [2].

2. Ir-Repubblika Taljana tipprevedi, fid-dritt nazzjonali tagħha, li tali kumpens huwa possibbli biss għal ċerti delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, bħall-atti ta' terroriżmu jew reati marbuta mal-mafja.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nindika r-raġunijiet għaliex naħseb li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa fondat.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. Il-premessa 3 tad-Direttiva 2004/80 tindika li "[f]il-laqgħa tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew sejjaħ għat-tfassil ta' livelli stabbiliti minimi dwar il-protezzjoni ta' vittmi ta' delitti, b'mod partikolari fuq l-aċċess ta' vittmi tad-delitti għall-ġustizza u d-drittijiet tagħhom għal kumpens għal ħsarat, inkluż spejjeż legali".

5. Skont il-premessa 6 ta' din id-direttiva, "[v]ittmi tad-delitti fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ntitolati għal kumpens bil-fier u xieraq għall-ħsarat li jkunu soffrew, mingħajr ma jingħata każ ta' fejn fil-Komunità Ewropea jkun ġie kommess id-delitt".

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65.

6. Il-premessa 7 tal-imsemmija direttiva hija fformulata kif ġej:

“Din id-Direttiva tfassal sistema ta’ koperazzjoni biex jiġi faċiliat aċċess għal kumpens ta’ vittmi ta’ delitti f’sitwazzjonijiet tal-qsim tal-fruntieri, li għandha topera fuq il-bażi ta’ skemi ta’ l-Istati Membri fuq kumpens ta’ vittmi ta’ delitti vjolenti u intenzjonali, kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom. Għalhekk, mekkaniżmu ta’ kumpens għandu jkun fis-seħħ fl-Istati Membri kollha”.

7. Fil-Kapitolu I, intitolat “Aċċess għal kumpens f’sitwazzjonijiet ta’ qsim il-fruntieri”, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2004/80 jipprevedi kif ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn delitt internazzjonali [intenzjonali] vjolenti jkun ġie kommess fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn l-applikant għal kumpens ikun residenti abitwalment, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jissottometti l-applikazzjoni lil awtorità jew kull korp ieħor fl-Istat Membru msemmi l-aħħar”.

8. Fil-Kapitolu II, intitolat “Skemi nazzjonali dwar il-kumpens” hemm artikolu wieħed. B’hekk skont l-Artikolu 12 ta’ din id-direttiva:

“Ir-regoli dwar aċċess għal kumpens f’sitwazzjonijiet ta’ qsim il-fruntiera mfassla minn din id-Direttiva għandhom joperaw fuq il-bażi ta’ skemi ta’ l-Istati Membri fuq kumpens għal vittmi ta’ delitti vjolenti internazzjonali [intenzjonali] kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom jipprovdu għall-eżistenza ta’ skema ta’ kumpens lil vittmi ta’ delitti vjolenti internazzjonali kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom, li tiggarantixxi kumpens bil-fier u xieraq għal vittmi”.

9. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sa’ l-1 ta’ Jannar 2006 l-aktar tard, bl-eċċezzjoni ta’ l-Artikolu 12(2), li fil-każ tiegħu id-data ta’ konformita għandha tkun l-1 ta’ Lulju 2005. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva għandhom japplikaw biss għal applikanti li l-ħsarat tagħhom jirrisultaw minn delitti kommessi wara t-30 ta’ Ġunju 2005.

[…]”

B – *Id-dritt Taljan*

10. Id-Direttiva 2004/80 kienet trasposta fid-dritt Taljan permezz tad-decreto legislativo n. 204, attuazione della direttiva 2004/80/CE relativa all’indennizzo delle vittime di reato (Digriet Leġiżlattiv Nru 204 li japplika d-Direttiva 2004/80/KE li għandha x’taqsam ma’ ku[m]pens għal vittmi ta’ delitti), tad-9 ta’ Novembru 2007 [3], kif ukoll permezz tad-decreto ministeriale n. 222 - regolamento ai sensi dell’articolo 7 del decreto legislativo n. 204/2007 (Digriet Ministerjali Nru 222, li jistabbilixxi regoli skont l-Artikolu 7 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 204/2007), tat-23 ta’ Diċembru 2008 [4].

3 — Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 261, tad-9 ta’ Novembru 2007, iktar ’il quddiem id-“Digriet Leġiżlattiv Nru 204/2007”.

4 — GURI Nru 108, tat-12 ta’ Mejju 2009.

11. Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Taljana indikat, b'mod eżawrjenti, il-liġijiet speċjali li jirregolaw l-għoti ta' kumpensi mill-Istat lill-vittmi ta' ċertu forom ta' delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti.

12. Il-liġijiet speċjali huma dawn li ġejjin:

— legge n. 466 – recante norme in ordine a speciali elargizioni a favore di categorie di dipendenti pubblici e di cittadini vittime del dovere o di azioni terroristiche (Liġi Nru 466, li tistabbilixxi regoli dwar il-kumpensi speċjali mħallsa lil ċerti kategoriji ta' uffiċjali pubbliċi u ta' ċittadini vittmi tad-dover jew ta' atti terroristiċi), tat-13 ta' Awwissu 1980 [5] (Artikoli 3 u 4);

— legge n. 302 – recante norme a favore delle vittime del terrorismo e della criminalità organizzata (Liġi Nru 302, li tipprevedi miżuri favur il-vittmi tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata), tal-20 ta' Ottubru 1990 [6] (Artikoli 1, 3 sa 5);

— decreto legge n. 419 – recante istituzione del Fondo di sostegno per le vittime di richieste estorsive, convertito dalla legge 18 febbraio 1992, n. 172 (Digriet-Liġi Nru 419, li jistabbilixxi l-fond ta' sostenn għall-vittmi ta' estorsjoni – maqlub f'liġi permezz tal-Liġi Nru 172 tat-18 ta' Frar 1992), tal-31 ta' Diċembru 1991 [7] (Artikolu 1);

— legge n. 340 – recante norme per l'estensione dei benefici di cui agli articoli 4 e 5 della legge n. 302/1990, ai familiari delle vittime del disastro aereo di Ustica (Liġi Nru 340, li tistabbilixxi regoli dwar l-estensjoni tal-kumpensi previsti fl-Artikoli 4 u 5 tal-Liġi Nru 302/1990 għall-membri tal-familji tal-vittmi tal-katastrofu tal-ajru ta' Ustica), tat-8 ta' Awwissu 1995 [8] (Artikolu 1 – li jirreferi għall-Artikoli 4 u 5 tal-Liġi Nru 302/1990);

— legge n. 108 – recante disposizioni in materia di usura (Liġi Nru 108, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet fil-qasam tal-użura), tas-7 ta' Marzu 1996 [9] (Artikoli 14 u 15);

— legge n. 70 – recante benefici per le vittime della cosiddetta "Banda della Uno Bianca" (Liġi Nru 70, li tipprevedi kumpensi favur il-vittmi tal-"Grupp tal-Fiat Uno Bajda"), tal-31 ta' Marzu 1998 [10] (Artikolu 1 – li jirreferi għall-Artikoli 1 u 4 tal-Liġi Nru 302/1990);

— legge n. 407 – recante nuove norme in favore delle vittime del terrorismo e della criminalità organizzata (Liġi Nru 407, li tistabbilixxi miżuri ġodda favur il-vittmi tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata), tat-23 ta' Novembru 1998 [11] (Artikolu 2);

— legge n. 44 – recante disposizioni concernenti il Fondo di solidarietà per le vittime delle richieste estorsive e dell'usura (Liġi Nru 44, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-fond ta' solidarjetà għall-vittmi ta' estorsjoni jew ta' użura), tat-23 ta' Frar 1999 [12] (Artikoli 3 u 6 sa 8);

5 — GURI Nru 230, tat-22 ta' Awwissu 1980.
6 — GURI Nru 250, tal-25 ta' Ottubru 1990.
7 — GURI Nru 49, tat-28 ta' Frar 1992.
8 — GURI Nru 192, tat-18 ta' Awwissu 1995.
9 — Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 58, tad-9 ta' Marzu 1996.
10 — GURI Nru 80, tas-6 ta' April 1998.
11 — GURI Nru 277, tas-26 ta' Novembru 1998.
12 — GURI Nru 51, tat-3 ta' Marzu 1999.

— decreto del presidente della Repubblica n. 510 – regolamento recante nuove norme in favore delle vittime del terrorismo e della criminalità organizzata (Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 510, li jistabbilixxi miżuri ġodda favur il-vittmi tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata), tat-28 ta' Lulju 1999[13] (Artikolu 1);

— legge n. 512 – recante istituzione del Fondo di rotazione per la solidarietà alle vittime dei reati di tipo mafioso (Liġi Nru 512, li tistabbilixxi l-fond ta' rotazzjoni għas-solidarjetà mal-vittmi ta' delitti ta' tip mafjuż), tat-22 ta' Diċembru 1999[14] (Artikolu 4);

— decreto legge n. 13 – recante disposizioni urgenti in favore delle vittime del terrorismo e della criminalità organizzata, convertito con modificazioni dalla legge n. 56/2003 (Digriet-Liġi Nru 13, li jipprevedi miżuri ta' urġenza favur il-vittmi tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata – maqlub f'liġi, wara emenda, permezz tal-Liġi Nru 56/2003), tal-4 ta' Frar 2003[15];

— legge n. 228 – recante misure contro la tratta di persone, che istituisce il Fondo per le misure anti-tratta e uno speciale programma di assistenza per le vittime dei reati previsti dagli articoli 600 e 601 del codice penale (Liġi Nru 228, li tistabbilixxi miżuri kontra t-traffikar tal-persuni, li tistabbilixxi l-fond għall-miżuri kontra t-traffikar tal-persuni u programm speċjali ta' assistenza lill-vittmi ta' atti kriminali previsti fl-Artikoli 600 u 601 tal-kodiċi kriminali), tal-11 ta' Awwissu 2003[16], kif emendata bid-decreto legislativo n. 24, articolo 6 (Digriet Leġiżlattiv Nru 24, Artikolu 6), tal-4 ta' Marzu 2014[17];

— decreto legge n. 337 – recante disposizioni urgenti in favore delle vittime militari e civili di attentati terroristici all'estero, convertito con modificazioni dalla legge n. 369/2003 (Digriet-Liġi Nru 337, li jipprevedi miżuri ta' urġenza favur il-vittmi militari u ċivili ta' attentati ta' terroriżmu li seħħew barra mill-pajjiż – maqlub f'liġi, wara emenda, permezz tal-Liġi Nru 369/2003), tat-28 ta' Novembru 2003[18] (Artikolu 1);

— legge n. 206 – recante nuove norme in favore delle vittime del terrorismo e delle stragi di tale matrice (Liġi Nru 206, li tistabbilixxi regoli ġodda favur il-vittmi tat-terroriżmu u tal-istraġijiet ta' natura terroristika), tat-3 ta' Awwissu 2004[19] (Artikolu 1);

— legge n. 266 – legge finanziaria 2006 (Liġi Nru 266, dwar il-baġit 2006), tat-23 ta' Diċembru 2005[20], li fl-Artikolu 1(563) sa (565) tagħha, tinkludi dispożizzjonijiet li jipprevedu l-ħlas ta' għajnuna lill-vittmi tad-dover, lill-persuni assimilati u lill-membri tal-familja tagħhom;

— legge n. 91 – recante norme in favore dei familiari dei superstiti degli aviatori italiani vittime dell'eccidio avvenuto a Kindu l'11 novembre 1961 (Liġi Nru 91, li tipprevedi miżuri favur il-familjari tas-superstiti tal-avjaturi Taljani vittmi tal-massakru ta' Kindu tal-11 ta' Novembru 1961), tal-20 ta' Frar 2006[21];

13 — GURI Nru 4, tas-7 ta' Jannar 2000.
14 — GURI Nru 6, tal-10 ta' Jannar 2000.
15 — GURI Nru 80, tal-5 ta' April 2003.
16 — GURI Nru 195, tat-23 ta' Awwissu 2003.
17 — GURI Nru 60, tat-13 ta' Marzu 2014.
18 — GURI Nru 8, tat-12 ta' Jannar 2004.
19 — GURI Nru 187, tal-11 ta' Awwissu 2004.
20 — Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 302, tad-29 ta' Diċembru 2005.
21 — GURI Nru 62, tal-15 ta' Marzu 2006.

— decreto del presidente della Repubblica n. 243 – regolamento concernente termini e modalità di corresponsione delle provvidenze alle vittime del dovere ed ai soggetti equiparati (Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 243, dwar it-termini u l-modalitajiet tal-ħlas ta' għajnuna lill-vittmi tad-dover u lill-persuni assimilati), tas-7 ta' Lulju 2006[22];

— decreto legge n. 187 – recante misure urgenti in materia di sicurezza, convertito con modificazioni dalla legge n. 217/2010 (Digriet-Liġi Nru 187, li jipprevedi miżuri ta' urġenza fil-qasam tas-sigurtà – maqlub f'liġi, wara emenda, permezz tal-Liġi Nru 217/2010), tat-12 ta' Novembru 2010[23], li jinkludu, skont l-Artikolu 2a tiegħu, l-istabbiliment tal-"Fond ta' solidarjetà ċivili" favur il-vittmi ta' atti kriminali mwettqa fl-okkażjoni jew minħabba manifestazzjonijiet sportivi jew manifestazzjonijiet ta' natura oħra.

13. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 204/2007 jirreferi, fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali għall-għoti ta' kumpensi mill-Istat Taljan, għal-liġijiet speċjali li jipprevedu l-forom ta' kumpens lill-vittmi ta' delitti mwettqa fit-territorju nazzjonali. Madankollu, mhux kull tip ta' delitt vjolenti intenzjonali huwa kopert b'dawn il-liġijiet speċjali. B'hekk, ma teżistix liġi speċjali li tiggarantixxi kumpens ġust u xieraq, fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80, lill-vittma ta' delitt li jaqa' taħt il-vjolenza sesswali.

II – Il-proċedura prekontenzjuża

14. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Taljana li hija kienet tikkunsidra li l-leġiżlazzjoni tagħha ma kinitx tipprevedi skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, għall-kuntrarju, fl-opinjoni tagħha, ta' dak meħtieġ mill-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80. B'risposta għal din l-ittra, ir-Repubblika Taljana indikat lill-Kummissjoni, permezz ta' ittra tal-11 ta' Ottubru 2011, li hija kienet tikkunsidra li din id-direttiva kienet tagħti lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali wiesgħa għall-finijiet tat-traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

15. Fil-25 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni li baqgħet tikkunsidra li r-Repubblika Taljana kienet ittrasponiet b'mod ħażin l-imsemmija direttiva, bagħtet lil din tal-aħħar ittra ta' intimazzjoni u stednitha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar dan il-punt.

16. Fl-14 ta' Mejju 2012, fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Taljana, ippreżentat abbozz ta' miżuri leġiżlattivi intiżi sabiex jistabbilixxu skema ġenerali ta' kumpens. Dan l-abbozz kien jipprevedi l-istabbiliment ta' fond ta' solidarjetà għall-kumpens lill-vittmi ta' delitti intenzjonali mwettqa fit-territorju nazzjonali li wasslu għall-mewt jew għal ġrieħi gravi jew gravi ħafna. Peress li ma ġie ppreżentat ebda kalendarju leġiżlattiv għall-imsemmi abbozz, il-Kummissjoni ma setgħetx tagħlaq il-proċedura prekontenzjuża. L-awtoritajiet Taljani ġew informati dwar dan fil-25 ta' Novembru 2012 waqt laqgħa.

17. Ir-Repubblika Taljana informat lill-Kummissjoni, permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2013, li, minħabba l-kriżi governattiva u x-xoljiment antiċipat tal-Parlament Taljan li din wasslet għalih, ma kienx possibbli li jiġi adottat l-abbozz ta' liġi, iżda li dan kien ser iseħħ wara d-dħul fil-funzjoni tal-gvern il-ġdid. Din l-ittra ma kienet akkumpanjata minn ebda kalendarju leġiżlattiv uffiċjali.

22 — GURI Nru 183, tat-8 ta' Awwissu 2006.

23 — GURI Nru 265, tat-12 ta' Novembru 2010.

18. Permezz ta' ittra tat-12 ta' Lulju 2013, ir-Repubblika Taljana informat lill-Kummissjoni bil-fatt li t-Tribunale ordinario di Firenze (qorti ta' Firenze, l-Italja) kienet ressqet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80 [kawża li tat lok għad-digriet tat-30 ta' Jannar 2014, C. (C-122/13, EU:C:2014:59)], u pproponiet, għalhekk, li tistenna d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dik il-kawża qabel ma tkompli l-proċedura mibdija mill-Kummissjoni.

19. Fis-17 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata, innotifikata lir-Repubblika Taljana fit-18 ta' Ottubru 2013, li fiha hija stiednet lill-awtoritajiet Taljani jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80 f'terminu ta' xahrejn mid-data ta' din l-aħħar ittra.

20. Fir-risposta tagħha li waslet lill-Kummissjoni fit-18 ta' Diċembru 2013, ir-Repubblika Taljana fakkret li hija kienet tikkunsidra xieraq li tistenna d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-122/13, sabiex jiġu kkunsidrati l-indikazzjonijiet eventwali tagħha fir-rigward tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80.

21. Permezz ta' digriet[24], f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni manifesta tagħha sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mit-Tribunal ordinario di Firenze (qorti ta' Firenze). Huwa għalhekk li l-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 258 TFUE.

III – Ir-rikors

22. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tiġi ggarantita l-eżistenza ta' skema ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti vjolenti intenzjonali kollha mwettqa fuq it-territorju tagħha, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, u

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

23. Ir-Repubblika Taljana titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' April 2015, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea talab jintervjeni insostenn tal-Kummissjoni. Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2015, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' din it-talba.

IV – L-argumenti tal-partijiet

25. Il-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Taljana li, fl-ordinament ġuridiku tagħha, tipprevedi skema ta' kumpens biss għall-vittmi ta ċerti delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, filwaqt li, fl-opinjoni tagħha, l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 jimponi l-istabbiliment ta' tali skema ta' kumpens għall-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt din il-kriminalità.

24 — Ara d-digriet tat-30 ta' Jannar 2014, C. (C-122/13, EU:C:2014:59).

26. Għalhekk, il-Kummissjoni tfakkar li, skont il-premessi 2 u 6, id-Direttiva 2004/80 għandha l-għan li tiggarantixxi lill-vittmi tal-kriminalità fl-Unjoni d-dritt għal kumpens ġust u xieraq għad-danni li huma sofrew, irrispettivament minn fejn ikun ġie mwettaq id-delitt fl-Unjoni. Dan huwa korollarju tal-libertà ta' moviment tal-persuni.

27. Sussegwentement, hija tispjega, li din id-direttiva tistabbilixxi proċedura ta' kooperazzjoni intiża sabiex tippermetti lil dawn il-vittmi jiksbu iktar faċilment il-kumpens f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Din hija r-raġuni li għaliha l-Kapitolu I tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi r-regoli dwar l-aċċess għall-kumpens f'tali sitwazzjonijiet, filwaqt li l-Kapitolu II ta' din l-istess direttiva, li jinkludi biss l-Artikolu 12, jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-iskemi nazzjonali ta' kumpens. Dawn l-iskemi huma għalhekk il-bażi li jippermettu l-funzjonament tajjeb tal-proċedura ta' kooperazzjoni. L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 jimponi għalhekk, li l-Istati Membri jkollhom tali skema.

28. F'dan ir-rigward, ma huwiex biżżejjed li l-Istati Membri, li fihom ma kinitx teżisti skema ta' kumpens, jintroduċu tali skema. Fil-fatt, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ruħhom, skont il-Kummissjoni, li l-iskema ta' kumpens lill-vittmi stabbilita fit-territorju tagħhom ikollha l-karatteristiċi imposti mid-Direttiva 2004/80, jiġifieri li tiggarantixxi kumpens ġust u xieraq u li tkopri l-kategorija ta' delitti previsti minn din id-direttiva. Il-Kummissjoni tippreċiża li l-imsemmija direttiva ssemmi tip ta' kriminalità speċifika, jiġifieri l-kriminalità intenzjonali vjolenti.

29. B'mod iktar partikolari, fir-rigward ta' dan il-kunċett, il-Kummissjoni tikkunsidra, essenzjalment, li, għalkemm id-Direttiva 2004/80 ma tiddefinixxix din it-tip ta' kriminalità, u tħalli dan f'idejn il-leġiżlatur nazzjonali, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva ma jħalli ebda marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema nazzjonali ta' kumpens. B'hekk, dan il-kamp ta' applikazzjoni jista' biss jikkorrispondi għad-delitti kollha intenzjonali vjolenti ddefiniti bħala tali fid-dritt kriminali sostantiv ta' kull Stat Membru.

30. L-uniku marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri għall-finijiet tal-istabbiliment ta' skema ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, kif jixtieq il-leġiżlatur tal-Unjoni, tinsab fil-klassifikazzjoni tad-delitti bħala intenzjonali u vjolenti. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni tikkunsidra li kull darba li delitt ikun ddefinit fid-dritt kriminali nazzjonali bħala delitt intenzjonali vjolenti, dan ikun jaqa' awtomatikament fil-kategorija ta' delitti li għalihom id-Direttiva 2004/80 timponi li tiġi prevista skema ta' kumpens lill-vittmi. Bħala eżempju, il-Kummissjoni tindika li, fid-dawl tal-elementi kostituttivi tagħhom, delitti bħall-omiċidji jew il-vjolenzi sesswali ma jistgħux, mid-definizzjoni tagħhom, ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

31. Din l-analiżi hija kkonfermata mill-qari tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-kumpens lill-vittmi ta' delitti vjolenti, iffirmata fi Strasbourg fl-24 ta' Novembru 1983, peress li d-Direttiva 2004/80 hija b'mod ċar inspirata min din il-konvenzjoni fil-premessa 8. Issa, skont din il-konvenzjoni, il-każijiet ta' vjolenza sesswali huma inklużi fil-kategorija tad-delitti intenzjonali vjolenti, fatt li jipprova li d-delitti kollha li huma definittivament intenzjonali u vjolenti għandhom neċessarjament jaqgħu taħt din il-kategorija.

32. Il-Kummissjoni tispjega, ukoll, li ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/80 ma tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-benefiċċju tal-kumpens lill-vittmi ta' ċerti delitti intenzjonali vjolenti. Hija tikkunsidra li tali limitazzjoni tammonta għal li jiġi aċċettat li, għalkemm huma kollha kkunsidrati bħala delitti intenzjonali vjolenti, huma biss uħud minnhom li joħolqu sentiment ta' vulnerabbiltà, jipprovokaw trawmi, iwasslu għal problemi finanzjarji, ifixklu l-ħajja ta' kuljum jew jikkompromettu l-futur tal-vittmi, u jiġġustifikaw b'hekk kumpens mill-Istat Membru.

33. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, jekk kellu jiġi kkunsidrat li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni dwar l-għażla tad-delitti intenzjonali vjolenti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens mill-Istat skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, dan ikun iwassal sabiex ikun hemm diskriminazzjoni bejn il-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti fl-Unjoni, sa fejn il-kumpens wara

delitt li jaqa' taħt din il-kategorija jkun jista' jvarja minn Stat Membru għall-ieħor, skont jekk huwa joffrix protezzjoni estiża jew, bħal fit-territorju Taljan, limitata tad-dritt għal kumpens. Barra minn hekk, dan ineħħi kull utilità prattika mis-sistema ta' kooperazzjoni transkonfinali, stabbilita minn din id-direttiva.

34. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tispjega li l-interpretazzjoni li hija tipproponi ma għandhiex l-effett li tidħol fuq il-kompetenzi tal-leġiżlatur nazzjonali, peress li din ma tirregolax il-kwistjonijiet marbuta mal-estensjoni tal-protezzjoni mogħtija għal dak li jirrigwarda d-dannu li jista' jiġi kkumpensat (dannu morali, dannu materjali, invalidità għal żmien twil, mard u dannu fiżiku), mal-grad ta' intenzjonalità (b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ġrieħi fiżiċi kkawżati b'negliġenza), mal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-kumpens (vittmi u membri tal-familja tal-vittma), mal-forma ta' kumpens (mill-awtur tad-delitt jew forom sussidjarji ta' kumpens mill-Istat Membru, mill-persuna li timpjega jew minn assigurazzjoni), mal-ammont tal-kumpens (tabella li tiffissa valur finanzjarju ddeterminat minn qabel għal kull tip ta' dannu, tnaqqis tal-kumpens fil-każ ta' kontribuzzjoni għad-dannu) u mal-kundizzjonijiet proċedurali għall-aċċess għall-kumpens (żmien għall-preparazzjoni u/jew għat-tressiq tat-talba għal kumpens).

35. Ir-Repubblika Taljana tindika, qabel xejn, li hija tinsab fi stadju avvanzat tat-tħejjija ta' abbozz leġiżlattiv fil-qasam li huwa s-suġġett ta' dan ir-rikors.

36. Hija tesponi, sussegwentement, ir-raġunijiet li għalihom hija tikkunsidra li l-interpretazzjoni difiża mill-Kummissjoni hija żbaljata. Għalhekk, ir-Repubblika Taljana tibbaża ruħha fuq il-bażi ġuridika tad-Direttiva 2004/80 sabiex tiddelimita l-obbligu li għandhom l-Istati Membri skont l-Artikolu 12(2) tagħha. Hija tfakkar li din id-direttiva, ġiet adottata, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, abbażi tal-Artikolu 380 KE (li sar l-Artikolu 352 TFUE). Skont ir-Repubblika Taljana, dan għandu l-konsegwenza, li l-Unjoni, meta adottat l-imsemmija direttiva fl-2004, ma kinitx, u lanqas ma hija llum, kompetenti sabiex tirregola t-trattament proċedurali u sostantiv tad-delitti vjolenti tad-dritt ġenerali, u dan anki għal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi patrimonjali partikolari tagħhom. Jiena nifhem li r-Repubblika Taljana tikkunsidra li, sa fejn id-Direttiva 2004/80 hija bbażata fuq l-Artikolu 308 KE u sa fejn hija intiża sabiex tippermetti l-moviment liberu taċ-ċittadini, l-Unjoni ma tistax timponi lill-Istati Membri jistabbilixxu skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, iżda tista' timponi biss lil dawn l-Istati jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet transkonfinali f'dan il-qasam billi jagħtu aċċess liċ-ċittadini tal-Unjoni għall-iskema ta' kumpens eventwalment prevista mid-dritt nazzjonali. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva ma joħloq ebda obbligu li tiġi stabbilita skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti.

37. Għalhekk, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma jistax ikun ikkonstatat, peress li d-dritt nazzjonali, li diġà jipprevedi diversi forom ta' kumpens għal diversi delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, jagħti aċċess liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra għal dawn il-forom ta' kumpens.

38. Għar-Repubblika Taljana, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha taqbel mal-perspettiva tal-Kummissjoni, li l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 jobbliga lill-Istati Membri jipprevedu skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, allura, ikun neċessarju li tiġi eżaminata l-validità ta' dan l-obbligu, peress li dan ma huwa previst minn ebda dispożizzjoni speċifika tat-Trattati u dan lanqas ma jista' jiġi dedott mill-klawżola tal-"kompetenzi sussidjarji", fis-sens tal-Artikolu 308 KE, peress li dan l-artikolu ma jistax, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, iwassal għal estensjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni għal kwistjonijiet purament interni. Ir-Repubblika Taljana, filwaqt li tfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li "fl-assenza ta' dispożizzjoni tat-Trattat FUE li tawtorizza dan espressament, Stat Membru ma jistax utilment jinvoka l-illegalità ta' direttiva li huwa destinatarju tagħha bħala difiża kontra rikors għal

nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bbażat fuq in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' din id-direttiva"[25], tikkunsidra, madankollu, li l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 fih difett partikolarment gravi u evidenti fis-sens ta' din il-ġurisprudenza, li jawtorizzaha, għalhekk, tinvoka l-illegalità ta' din id-dispożizzjoni[26].

39. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li l-imsemmija dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, ir-Repubblika Taljana targumenta li dawn l-Istati għandhom, madankollu, marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tad-delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, u li b'hekk jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens min-naħa tal-Istat.

40. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Taljana tispjega li, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva 2004/80 li jipprevedu b'mod iddettaljat l-obbligi tal-Istati Membri, l-Artikolu 12(2) tagħha jillimita ruħu jindika li d-delitt ikkonċernat minn din id-dispożizzjoni għandu jkollu natura doppja intenzjonali u vjolenti. Għalhekk huwa kull Stat Membru li għandu jiddetermina, fid-dritt nazzjonali tiegħu, is-sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens skont l-imsemmija dispożizzjoni kif ukoll il-kriterji bażiċi li jippermettu l-kalkolu ta' dan il-kumpens. L-Istati Membri għandhom għalhekk, marġni ta' diskrezzjoni wiesa' ħafna għall-finijiet tal-istabbiliment ta' skema ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti u jistgħu, għalhekk, jillimitaw l-imsemmi kumpens għal ċerti delitti jew anki jissuġġettawh għal kundizzjonijiet partikolari, bħall-eżami tal-aġir tal-vittma li ma setgħatx, anki b'nuqqas ta' prudenza, iffaċilitat jew ipprovokat it-twettiq tal-att li jikkostitwixxi delitt, jew anki l-prova tal-insolvenza tal-awtur tal-att.

41. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-eżami tax-xogħol preparatorju li wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2004/80. Ir-Repubblika Taljana tindika, għalhekk, li, fil proposta tagħha ta' direttiva[27], il-Kummissjoni kienet ipprevediet l-istabbiliment ta' regoli minimi fil-qasam tal-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità u kienet ippreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni personali u territorjali tad-direttiva billi ddefinixxiet il-kunċetti ta' "vittmi", ta' "delitti intenzjonali" kif ukoll ta' "danni fiżiċi". Skont ir-Repubblika Taljana, l-abbozz ta' direttiva kien jipprevedi regoli oħra estremament iddettaljati, intiżi sabiex jippreparaw l-istabbiliment ta' skema uniformi ta' kumpens lill-vittmi ta' delitti. Il-paragun ta' dan l-abbozz mat-test attwali tad-Direttiva 2004/80 juri li l-għan intiż għall-istabbiliment ta' regoli minimi kien ġie abbandunat sabiex jiġu osservati l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam kriminali u fil-qasam tal-ispejjeż pubbliċi.

42. Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni tispjega li l-użu tal-Artikolu 308 KE juri biss il-fatt li, fl-assenza ta' setgħat ta' azzjoni espliċiti jew speċifiċi mogħtija lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-adozzjoni tal-miżuri inklużi fid-Direttiva 2004/80 kienet meqjusa neċessarja b'deċiżjoni tal-Kunsill meħuda b'unanimità mill-Istati Membri, inkluż għaldaqstant mir-Repubblika Taljana, sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni. F'dan il-każ, l-għan li jrid jintlaħaq minn din id-direttiva, b'mod partikolari permezz tal-obbligu impost fl-Artikolu 12(2) tagħha, huwa li jiġu eliminati l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi.

43. Għall-Kummissjoni, l-unika raġunijiet li jistgħu jirrendu invalidu l-użu tal-Artikolu 308 KE bħala bażi ġuridika huma dawk marbuta mal-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti mit-Trattati, jiġifieri n-neċessità li l-att li ser jiġi adottat jilħaq wieħed mill-għanijiet previsti mit-Trattati, il-fatt li l-azzjoni tista' ssir fil-kuntest tal-politiki ddefiniti mit-Trattati u l-fatt li s-setgħat ta' azzjoni meħtieġa għal dan

25 — Sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-502/13, EU:C:2015:143, punt 56).

26 — Sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-502/13, EU:C:2015:143, punt 56).

27 — Proposta ta' direttiva tal-Kunsill dwar il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità [COM(2002) 562 finali, iktar 'il quddiem il-"proposta ta' direttiva"].

l-għan ma humiex previst fit-Trattati. Issa, ir-Repubblika Taljana ma turix, fir-risposta tagħha, in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet u tikkonstata biss li l-Artikolu 308 KE ma jippermettix li jiġi ssupplementat in-nuqqas ta' kompetenza tal-Unjoni fil-qasam kriminali u proċedurali.

44. Il-Kummissjoni tfakkar li, mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat FUE, l-Unjoni ngħatat kompetenza speċifika fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li tinkludi, b'mod partikolari, l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri f'ċerti aspetti speċifiċi tal-proċedura kriminali (Artikolu 82(2) TFUE), fil-kuntest tad-definizzjoni tad-delitti kriminali u tas-sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi li għandhom dimensjoni transkonfinali (Artikolu 83(1) TFUE) kif ukoll fil-kuntest tal-implementazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni li diġà kienu s-suġġett ta' miżuri ta' armonizzazzjoni (Artikolu 83(2) TFUE). Hija żżid, madankollu, li l-kompetenza sabiex tadotta miżuri f'dawn l-oqsma hija suġġetta għall-fatt li dawn għandhom ikunu neċessarji sabiex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kif ukoll il-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali li għandhom dimensjoni transkonfinali.

45. Minn dan il-Kummissjoni tiddeduċi, hekk kif issostni r-Repubblika Taljana, li l-Unjoni ma għandhiex kompetenza tintervjeni fid-dritt proċedurali kriminali u fid-dritt kriminali sostantiv tal-Istati Membri lil hinn minn dak li huwa previst mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija. L-Istati Membri jibqgħu għalhekk, l-uniċi kompetenti sabiex jiddefinixxu d-delitti kriminali u s-sanzjonijiet marbuta ma' dawn id-delitti taħt żewġ kundizzjonijiet. Minn naħa, din il-kompetenza tista' tkun eżerċitata biss fl-oqsma ta' kriminalità li ma jaqgħux taħt dawn elenkati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 83(1) TFUE, jiġifieri t-terroriżmu, it-traffikar ta' persuni umani oħra u l-esplojtazzjoni sesswali tan-nisa u t-tfal, it-traffikar illegali tad-drogi u tal-armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, l-iffalsifikar tal-mezzi ta' ħlas, il-kriminalità informatika u l-kriminalità organizzata. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija kompetenza ma tistax tkun eżerċitata għal delitti kriminali u s-sanzjonijiet marbuta magħhom li l-leġiżlatur tal-Unjoni jikkunsidra li huma neċessarji sabiex isaħħaħ l-implementazzjoni tal-atti leġiżlattivi ta' armonizzazzjoni adottati f'oqsma oħra ta' kompetenza tal-Unjoni.

46. Għalhekk, il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tar-Repubblika Taljana, jiġifieri li l-Istat Membri biss jibqgħu kompetenti sabiex jiddeterminaw l-aġir li jikkostitwixxi atti kriminali tad-dritt komuni u s-sanzjonijiet marbuta magħhom.

47. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-aspetti relatati mas-sostenn u mal-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ma jaqgħux taħt din il-kompetenza esklużiva. Fl-opinjoni tagħha, il-kumpens lill-vittmi mill-Istati Membri, previst mid-Direttiva 2004/80, huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' azzjoni ċivili li hija bbażata fuq ir-responsabbiltà ċivili tal-awtur tad-delitt. Għalhekk, il-kumpens lill-vittma ta' delitt huwa ta' natura ċivili u mhux kriminali. Il-Kummissjoni tiċċita, f'dan ir-rigward, l-espożizzjoni tal-motivi li takkompanja l-proposta tagħha ta' direttiva u li tipprovdi li "[i]n-natura ċivili tal-kumpens mill-Istat tirriżulta b'mod ċar mill-fatt li l-kumpens iservi sabiex jagħti lil persuni benefiċċju patrimonjali, mingħajr ma jiġi ssanzjonat l-aġir tal-awtur ta' delitt u mingħajr ma jingħata benefiċċju direttt għall-interess ġenerali" [28].

48. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li mis-sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Cowan (186/87, EU:C:1989:47), jirriżulta li ċ-ċittadini tal-Istati Membri għandhom id-dritt ta' protezzjoni mir-riskji ta' aggressjoni u li jiksbu l-kumpens pekunjarju previst mid-dritt tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun twettqet l-aggressjoni, anki fil-każ fejn dan l-Istat ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom. Din is-sentenza turi li teżisti rabta stretta bejn il-libertà ta' moviment u d-dritt għall-protezzjoni tal-integrità fiżika, u li ftit huwa importanti, f'dan ir-rigward, li l-kumpens jingħata mill-Istat u jitħallas

28 — Punt 5.1.

mill-baġit tiegħu. Għaldaqstant, huwa preċiżament għaliex il-protezzjoni tal-integrità fiżika hija intiża għat-twettiq tal-moviment liberu tal-persuni li huwa neċessarju li jiġu previsti miżuri intiżi sabiex jiffaċilitaw il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti billi jippermettu aċċess għall-iskemi nazzjonali ta' kumpens.

49. Il-Kummissjoni żżid li, waqt ix-xogħol preparatorju li wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2004/80, kienet ġiet ikkonstatata disparità kbira bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità, b'uħud mill-Istati Membri sempliċement ma jipprevedu ebda skema ta' kumpens. Din id-disparità wasslet, għalhekk, għal differenzi fit-trattament bejn il-persuni, skont il-post ta' residenza jew il-post tad-delitt, u din l-inugwaljanza kienet iktar preżenti fis-sitwazzjonijiet transkonfinali, sal-punt li tiddiswadi liċ-ċittadini tal-Unjoni milli jeżerċitaw l-libertà ta' moviment tagħhom.

50. Minn dan il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità ma jistax ikun ikkunsidrat bħala kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-obbligu li għandhom l-Istati Membri li jipprevedu skema ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità li tkopri l-forom kollha ta' atti kriminali intenzjonali vjolenti previsti mid-dritt nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-neċessità tal-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni billi tiġi protetta l-integrità fiżika tagħhom u billi huma jiġu ggarantiti l-possibbiltà li jiksbu kumpens fil-każ ta' ħsara lil din l-integrità ma tistax tkun limitata għall-obbligu, għall-Istati Membri li ma għandhomx skema ta' kumpens, li jistabbilixxu tali skema. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kunċett ta' kriminalità intenzjonali vjolenti kien ikkunsidrat mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala wiesa' biżżejjed sabiex ikopri l-forom kollha l-iktar frekwenti ta' ħsara possibbli għall-integrità fiżika tal-persuni.

51. Għalhekk, għall-Kummissjoni, l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, kif hija tipproponi li għandu jiġi interpretat, ma huwa vvizzjat b'ebda difett ta' validità u inqas u inqas b'difett tant gravi u evidenti li jirrendi din id-direttiva kollha ineżistenti.

52. Fir-replika tagħha, ir-Repubblika Taljana tafferma li, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet rilevanti fit-Trattati, il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti ordinarja jaqa' taħt il-kompetenza rriżervata tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' attribuzzjoni previst fl-Artikolu 5(2) TFUE.

53. Skont ir-Repubblika Taljana, l-assenza, fid-dritt Taljan, ta' skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju Taljan ma tirrappreżentax ostakolu la għar-realtà u lanqas għall-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk, il-fatt li jrid jintlaħaq l-għan tal-moviment liberu tal-persuni ma jistax jiġġustifika intervent mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'dan il-qasam.

54. Barra minn hekk, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li l-Kummissjoni qrat b'mod żbaljat is-sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Cowan (186/87, EU:C:1989:47). Fil-fatt, hija tikkunsidra li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha tafferma l-obbligu ta' estensjoni tal-kumpens favur il-vittmi ta' aggressjoni għaċ-ċittadini tal-Unjoni li, fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom ta' moviment, liberu, imorru Franza. Minn dik is-sentenza ma jistax jiġi dedott li l-Istati Membri għandhom l-obbligu jistabbilixxu, meta din tkun għadha ma teżistix, skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi ta' atti ordinarji ta' kriminalità intenzjonali vjolenti.

55. Ir-Repubblika Taljana tfakkar, barra minn hekk, li, skont l-Artikolu 352(3) TFUE, l-atti adottati abbażi ta' dan l-artikolu, bħad-Direttiva 2004/80, "m'għandhomx jinvolvu l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri fil-każijiet fejn it-Trattati jeskludu din l-armonizzazzjoni". L-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva għandu għalhekk ikun interpretat skont l-Artikolu 352 TFUE, mingħajr ma tkun estiża l-isfera ta' kompetenza tal-Unjoni u mingħajr ma tkun imposta

armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri fil-qasam ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti. Fil-fatt, ir-Repubblika Taljana tippreċiża li tali armonizzazzjoni ma tistax tkun prevista biss għall-"eurocrimes" elenkati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 83(1) u mhux għad-delitti ordinarji.

56. Ir-Repubblika Taljana tafferma wkoll li l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 ma jistax japplika fir-rigward tagħha. Fil-fatt, hija tikkunsidra li din id-dispożizzjoni tipprevedi biss l-obbligu, għall-Istati Membri li ma kellhomx, li jistabbilixxu skema ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti. Issa fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, ir-Repubblika Taljana diġà kellha tali skema ta' kumpens.

57. Il-Kunsill, li intervjena insostenn tal-Kummissjoni, jikkunsidra li mis-sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Cowan (186/87, EU:C:1989:47) jirriżulta li l-iffaċilitar tal-aċċess transkonfinali għall-iskemi nazzjonali ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, minn naħa, u li jiġi ggarantit li l-Istati Membri kollha jkollhom tali skema, min-naħa l-oħra, jikkontribwixxu sabiex jiġi żgurat l-għan tal-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi. Fir-rigward tan-natura neċessarja ta' tali azzjoni mill-Unjoni, il-Kunsill jikkunsidra li l-evalwazzjoni tagħha għandha ssir fid-dawl ta' kriterji politiki, ekonomiċi kif ukoll tekniċi u taqa' għalhekk taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li b'mod validu qiesu li dan kien il-każ.

58. Għalhekk, jekk l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 kellu jkun interpretat bħala li ma jobbligax lill-Istati Membri jipprevedu skema ġenerali ta' kumpens li tkopri l-forom kollha ta' kriminalità intenzjonali vjolenti f'sitwazzjonijiet transkonfinali, l-għan tal-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi ma jintlaħaqx, sa fejn, f'ċerti Stati Membri, ċertu forom ta' kriminalità intenzjonali vjolenti ma jkunux jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens.

V – Evalwazzjoni

A – *Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

59. Ir-Repubblika Taljana tikkontesta l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors. Fil-fatt, hija tikkunsidra li s-suġġett ta' dan ir-rikors ma jikkorrispondix għall-opinjoni motivata li fiha l-Kummissjoni semmiet ċertu tip ta' delitti li għalihom ir-Repubblika Taljana ma pprevedietx skema ta' kumpens, filwaqt li, fl-imsemmi rikors, il-Kummissjoni tikkritikaha li ma pprevedietx tali skema għad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti. Għalhekk is-suġġett ta' dan ir-rikors ġie estiż.

60. Din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ma tistax tiġi aċċettata. Fil-fatt, huwa ċar, mill-qari tal-opinjoni motivata, li l-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Taljana li ma pprevedietx skema ta' kumpens għall-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti. B'hekk, mill-paragrafu 1 ta' din l-opinjoni, huwa indikat li, abbażi tad-dikjarazzjonijiet riċevuti bejn is-snin 2009 u 2013, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li r-Repubblika Taljana ma għandhiex skema ġenerali ta' kumpens lill-vittmi ta' delitti intenzjonali vjolenti. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Taljana tipprevedi tali kumpens għal ċerti delitti intenzjonali vjolenti, fosthom dawk marbuta mat-terroriżmu jew mal-kriminalità organizzata, "iżda mhux għal dawn id-delitti kollha". Minn dan il-paragrafu jirriżulta li l-Kummissjoni ssemmi espressament l-assenza ta' skema ġenerali ta' kumpens għall-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti.

61. Kif issostni r-Repubblika Taljana, huwa minnu li fil-paġni 5 u 8 tal-opinjoni motivata, il-Kummissjoni tinvoka, b'mod partikolari, l-assenza ta' tali skema għall-vittmi ta' delitti ta' omiċidju u ta' ġrieħi gravi li ma jaqgħux taħt il-każijiet previsti mill-liġijiet speċjali kif ukoll għall-vittmi ta' stupru u ta' aggressjonijiet oħra gravi ta' natura sesswali. Madankollu, ma hemmx dubju, fl-opinjoni tiegħi, li l-Kummissjoni, billi semmiet dawn id-delitti b'mod partikolari, kienet biss qegħda tagħti eżempju ta'

delitti, li fl-opinjoni tagħha, jaqgħu taħt il-kunċett ta' kriminalità intenzjonali vjolenti u li, għalhekk kellhom iwasslu lir-Repubblika Taljana tipprevedi skema ta' kumpens għall-persuni li huma vittmi tagħhom. Mill-bqija, anki fil-paġna 5 ta' din l-opinjoni, il-Kummissjoni, bi tweġiba għall-opinjoni fformulata mir-Repubblika Taljana, tindika li, mill-mument li fih it-test tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 ma jillimitax l-applikazzjoni tiegħu għal ċerti delitti intenzjonali vjolenti, dan ifisser li huwa jirreferi għad-delitti kollha ta' dan it-tip, fatt li nsibu wkoll, fil-paġna 6 tal-imsemmija opinjoni [29].

62. Fuq kollox, id-dispożittiv tal-opinjoni motivata ma jħalli lok għal ebda dubju. Fil-fatt, il-Kummissjoni tindika fih b'mod ċar li, billi naqset milli tadotta l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-Artikolu 12(1) u (2) tad-Direttiva 2004/80 sabiex tiggarantixxi l-eżistenza ta' skema ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti intenzjonali vjolenti "kollha" imwettqa fit-territorju tagħha, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 258 TFUE.

63. Għaldaqstant għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni ma estendietx is-suġġett tiegħu u li dan għandu għalhekk jiġi ddikjarat ammissibbli.

B – *Fuq il-fondatezza tar-rikors*

64. Permezz tar-rikors tagħha għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni tikkunsidra li, billi tipprevedi skema ta' kumpens applikabbli għall-vittmi mhux tad-delitti intenzjonali vjolenti kollha, iżda biss għal uħud minnhom li l-awtur tagħhom huwa insolventi jew mhux magħruf, u għalhekk tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha.

65. Min-naħa tagħha, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li din id-dispożizzjoni tħalli lill-Istati Membri s-setgħa li jiddeċiedu liema delitti li jaqgħu taħt din il-kriminalità jistgħu, fit-territorju tagħhom, ikunu s-suġġett ta' kumpens mill-Istat.

66. F'dan ir-rigward, jiena nikkunsidra, bħall-Kummissjoni, li l-imsemmija dispożizzjoni tipprevedi li l-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, skont kif iddefinita fid-dritt nazzjonali, għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskema nazzjonali ta' kumpens u li Stat Membru ma jistax jagħżel, minn fost id-delitti li jaqgħu taħt din il-kriminalità fid-dritt kriminali tiegħu, dawk li jistgħu jagħtu lok għal kumpens min-naħa tal-Istat.

67. Il-ġustifikazzjoni għal din il-perspettiva tinsab, fl-opinjoni tiegħi, fil-kliem stess tat-testi li jifformaw il-bażi, f'għajnejja, tal-legalità u tal-leġittimità tad-Direttiva 2004/80 kif ukoll fil-korp tagħha stess.

68. Fil-fatt, l-Artikolu 3(2) TUE jirrendi din l-interpretazzjoni obbligatorja. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li "[l]-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat". B'hekk, ir-riferiment għall-moviment liberu tal-persuni fil-premessa 1 tad-Direttiva 2004/80, diġà magħmul fis-sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Cowan (186/87, EU:C:1989:47), huwa iktar iġġustifikat sa fejn dan huwa indispensabbli għall-ħolqien ta' dan l-ispazju, għan li huwa stabbilit mill-Unjoni. Għalhekk, jekk il-kumpens għad-danni kkawżati mill-awturi, identifikati jew le, ta' delitti intenzjonali vjolenti ma jkunx żgurat, ikun inkontestabbilment l-aspett ta' "sigurtà" tal-imsemmi spazju li jkun ippreġudikat .

29 — F'din il-paġna, jissemma, fil-fatt, li r-riferiment għall-Konvenzjoni Ewropea dwar il-kumpens lill-vittmi ta' delitti vjolenti juri li l-għan ta' din id-direttiva huwa li tiggarantixxi, kif diġà kien previst minn din il-konvenzjoni, skemi ta' kumpens mill-Istat għad-delitti kollha intenzjonali vjolenti u mhux biss għal uħud minnhom.

69. Jidher iġġustifikat ukoll li jiġi kkunsidrat li, sabiex tkun żgurata r-realtà u l-koerenza ta' dan l-ispazju uniku, iċ-ċittadin tal-Unjoni li jiċċaqlaq fih għandu, qabel xejn, ikun ittrattat fih bl-istess mod ikun liema jkun l-Istat Membru li jmur fih. Fil-qasam inkwistjoni, dan ir-riżultat jista' faċilment jintlaħaq mingħajr ma jkun neċessarju li ssir approssimazzjoni, u ferm inqas armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali. Fil-fatt, huwa evidenti li l-kunċett ta' delitt intenzjonali huwa kunċett bażiku tad-dritt kriminali magħruf mil-leġiżlazzjonijiet kollha tal-Istati Membri. Il-vjolenza hija, min-naħa tagħha, kunċett ta' fatt li l-unika diffikultà tagħha li tinftiehem ma tinsabx fil-karatterizzazzjoni tagħha, iżda fil-portata tal-effetti tagħha permezz tad-dannu fiżiku, materjali jew morali subit u f'dik tal-konsegwenzi tagħha, kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-għarfien, b'mod partikolari mediko-legali, u, għalhekk taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati fejn ikunu ġraw il-fatti.

70. Minn din il-perspettiva, iċ-ċittadin tal-Unjoni li jiċċaqlaq jinsab f'sitwazzjoni ċara. Huwa għandu l-garanzija, jekk juża l-libertà ta' moviment tiegħu, li, jekk ikun vittma ta' delitt intenzjonali vjolenti fl-Istat Membru li fih huwa jmur, huwa jkun jista' jitlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat kumpens fil-każ li l-awtur ta' dan id-delitt ma jkunx jista' jħallas, kif seta' jagħmel kieku d-delitt seħħ fit-territorju tal-Istat Membru li fih jgħix.

71. L-inkriminazzjoni b'mod simili tal-aġir vjolenti mill-Istati Membri tikkostitwixxi, fiha nfisha, protezzjoni. Jekk persuna ssir vittma ta' tali delitt, il-liġijiet kriminali eżistenti fl-Istati Membri jippermettulha tikseb kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-atti li jikkostitwixxu l-element materjali tad-delitt imwettaq.

72. Ħafna drabi, l-azzjoni personali għall-kumpens għad-dannu, imsejħa b'mod ġenerali "azzjoni ċivili", tista', mingħajr ma titlef in-natura tagħha ta' azzjoni esklużivament intiża għall-kumpens għad-dannu personali, tkun eżerċitata b'mod konġunt mal-azzjoni kriminali, imsejħa "azzjoni pubblika" [30], favur ġeneralment offrut lill-vittma sabiex jiġi ffaċilitat fuq il-livell proċedurali, l-eżerċizzju tal-azzjoni tagħha għal kumpens [31].

73. Meta l-awtur tad-delitt ma jkunx magħruf jew ikun insolventi, l-Istati Membri pprevedew kumpens minn korp pubbliku jew minn fond speċjali li jiżgura l-kumpens għad-danni ta' ċerta gravità; il-limitu li minnu għandu jibda tali kumpens tħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

74. In-natura ġenerali, irrikonoxxuta mill-Istati Membri, tal-prinċipju ta' kumpens għad-delitti li l-awtur tagħhom huwa solventi tiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament. Il-fatt li, meta l-awtur ma jkunx magħruf jew ikun insolventi, ċerti Stati Membri jiżguraw il-kumpens permezz ta' fondi pubbliċi biss għal xi whud minn dawn id-delitti jippreġudika din l-ugwaljanza fit-trattament.

75. Fil-fatt, din is-sitwazzjoni toħloq inugwaljanza fuq żewġ livelli, jiġifieri, minn naħa, fl-ordinament intern, u min-naħa l-oħra, dik li hija l-preokkupazzjoni tagħna fil-kuntest ta' dan ir-rikors, fil-kuntest tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, peress li, pereżempju, fi Stat wieħed, it-tetrapleġja tal-vittma tkun ikkumpensata jekk kienet tirriżulta minn balla sparata minn terrorist, iżda ma tkunx ikkumpensata jekk l-awtur tal-isparatura ikun wettaq serqa armata, filwaqt li, fl-Istat viċin, jiġifieri jista' jkun ftit għexieren ta' metri 'l bogħod, il-kumpens ikun żgurat fiż-żewġ każijiet. Tali riżultat la huwa ġust u lanqas xieraq.

76. Għalhekk il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jikkoreġi din is-sitwazzjoni għar-raġunijiet imsemmija fil-punti preċedenti.

30 — Ara s-sit internet tal-Kummissjoni fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/civiljustice/comp_crime_victim/comp_crime_victim_ec_en.htm.

31 — Barra minn hekk, jista' jkun li l-vittma tibbenefika minn għażla bejn li tipproċedi b'dan il-mod u dik li tressaq it-talba tagħha direttament quddiem qorti ċivili.

77. L-għan imfittex jintlaħaq għalhekk mill-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80. Fil-fatt, dan l-artikolu, li l-istruttura tiegħu jidhirli li hija totalment koerenti, huwa ddedikat għall-iskemi nazzjonali ta' kumpens. L-Artikolu 12(1) jistabbilixxi l-prinċipju li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit minn din id-direttiva fir-rigward tal-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti fis-sitwazzjonijiet transkonfinali għandu jiffunzjona abbażi tal-iskemi fis-seħħ fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, l-Artikolu 12(2) joħloq l-obbligu, għall-Istati Membri, li jkollhom tali skema sabiex jiggarantixxu kumpens ġust u xieraq lill-vittmi ta' din il-kriminalità. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li kien neċessarju li l-Istati Membri kollha jkollhom tali skema ta' kumpens sabiex l-aċċess ikun iffaċilitat fis-sitwazzjonijiet transkonfinali [32].

78. L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 jirreferi biss għall-kumpens lill-vittma. Għalhekk huwa jimponi biss lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-prinċipju ta' dritt għall-kumpens tal-vittmi kollha ta' delitti intenzjonali vjolenti ikklassifikati b'dan il-mod fid-dritt nazzjonali.

79. Għalhekk, huwa b'sempliċi "logħba ta' mirja" li tirrifletti dak li jeżisti fuq livell nazzjonali li l-protezzjoni tal-vittma, f'sitwazzjonijiet transkonfinali, hija żgurata.

80. Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-Repubblika Taljana [33], l-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu stabbilixxew skema ta' dritt għal kumpens għall-vittmi kollha ta' delitti li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tagħhom u puniti mil-liġijiet nazzjonali tagħhom sabiex, meta tali delitt jitwettaq f'sitwazzjoni transkonfinali, din l-iskema tkun tista' tapplika b'mod korrett u effiċjenti fil-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2004/80.

81. Il-ġustifikazzjoni ta' tali skema ta' kumpens għall-vittmi tad-delitti intenzjonali vjolenti kollha hija bbażata, iktar milli fuq kunċett ta' solidarjetà, fuq l-idea li t-twettiq tad-delitt u t-twettiq tad-dannu li huwa jikkawża huma l-konsegwenza ta' nuqqas tal-Istat fl-irwol tiegħu ta' protezzjoni. Kif jispjega l-Parlament Ewropew fir-rapport tiegħu dwar il-proposta ta' direttiva dwar il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità [34], "għandu jiġi ggarantit kumpens lill-vittma mhux biss sabiex jitnaqqsu, sa fejn huwa possibbli, id-danni u s-sofferenzi subiti minnha, iżda wkoll sabiex jiġi kkalmat il-kunflitt soċjali maħluq mid-delitt u sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' politika kriminali razzjonali u korretta" [35].

82. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, fl-ebda każ ma għandha n-natura li tikkontesta l-validità tagħha. Ma jistax jiġi argumentat li, billi tiddisponi hekk, din id-direttiva tidħol fuq il-qasam irriżervat lill-Istati Membri. Mhux biss il-bażi legali ta' din tal-aħħar hija magħżula b'mod adegwat fir-rigward tat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni, iżda wkoll l-interpretazzjoni li jiena nipproponi la toħloq u lanqas temenda ebda delitt.

83. Id-delitti diġà previsti mid-dritt Taljan jibqgħu intatti fin-numru u fis-sustanza. Ir-Repubblika Taljana, b'applikazzjoni tad-Direttiva 2004/80, bl-ebda mod ma hija obbligata toħloq jew temenda d-delitti li, fi ħdan l-organizzazzjoni tal-ordinament ġuridiku kriminali tagħha, jeżistu diġà bħala delitti intenzjonali vjolenti, u lanqas li toħloq oħrajn ġodda. Ma huwiex ikkontestat li d-definizzjoni ta' delitt u tal-piena li tissanzjonah taqa' taħt il-kompetenza sovrana tal-Istati Membri, bla ħsara għar-riżervi mfakkra mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u msemmija fis-sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Cowan (186/87, EU:C:1989:47).

32 — Ara d-dokumenti tal-Kunsill 7752/04, 7209/04 (p. 9) u 8694/04 (p. II). Dan il-korollarju neċessarju kien diġà tqajjem mill-Kummissjoni fil-proposta ta' direttiva tagħha, peress li hija kienet indikat fiha li "[g]ħandu jiġi enfasizzat li [l-aċċess għall-kumpens fis-sitwazzjonijiet transkonfinali u l-possibbiltà li jinkiseb, b'mod ġenerali, kumpens] huma strettament marbuta flimkien. Sakemm ma jkunx hemm possibbiltà ta' kumpens mill-Istat fl-Istati Membri kollha, [tali] aċċess [...] ma jistax ikun iffaċilitat" (punt 3.2).

33 — Ara l-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 — Dokument A5-0330/2003.

35 — Ara p. 39 ta' dan ir-rapport. Il-Parlament, hawnhekk, jirriproduċi fir-realtà, il-kliem tar-rapport ta' spjega tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-kumpens lill-vittmi ta' delitti vjolenti (ara l-punt 7 ta' dan ir-rapport ta' spjega).

84. Bl-istess mod, l-istabbiliment mill-ġdid tal-ugwaljanza fit-trattament bejn il-vittmi tad-delitti intenzjonali vjolenti, permezz tal-interpretazzjoni li jiena nipproponi, ma għandhiex l-effett li twassal għal armonizzazzjoni tal-iskemi ta' kumpens.

85. Għalkemm, inizjalment, l-abbozz tal-Kummissjoni kien jinkludi l-istabbiliment ta' regoli minimi, b'mod partikolari, fir-rigward tal-iffissar tal-ammont tal-kumpens mogħti [36], finalment mid-dibattiti rriżulta li l-istabbiliment ta' tali regoli ma setax isir abbażi tal-Artikolu 308 KE.

86. L-iffissar tal-ammont tal-kumpens, fid-dawl tad-dannu subit – inkapaċità permanenti, inkapaċità totali għax-xogħol għal xahar jew iktar, inkapaċità temporanja għax-xogħol ta' inqas minn xahar –, jew anki l-iffissar ta' livelli eventwali jibqgħu għalhekk fil-kompetenza tal-Istati Membri biss.

87. Madankollu, il-kumpens għandu jkun ġust u xieraq, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, u l-qrati nazzjonali jistgħu jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan ir-rigward, fil-każ ta' dubju.

88. L-uniku obbligu li d-Direttiva 2004/80 timponi fuq l-Istati Membri huwa li jipprevedu l-kumpens lill-vittmi tad-delitti intenzjonali vjolenti meta l-awtur tagħhom ma jkunx magħruf jew ikun insolventi, u dan sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni.

89. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena naħseb li l-ilment li permezz tiegħu r-Repubblika Taljana hija akkużata li ma tipprevedix skema ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tagħha huwa fondat.

VI – Konklużjoni

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tikkonstata li, billi ma tipprevedix skema ta' kumpens lill-vittmi tad-delitti kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tagħha, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' ku[m]pens għal vittmi ta' delitti, u

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

36 — Ara l-Artikoli 4 *et seq* tal-proposta ta' direttiva.